Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,030, 29 ta' Diċembru, 2000
Taqsima B

A.L. 284 ta' l-2000

ATT DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR (KAP. 378)

Regoli ta' l-2000 li jemendaw ir-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27 ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, il-Ministru għas-Servizzi Ekonomiċi bi ftehim mal-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali u l-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regoli li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ. A.L. 8 ta' l-1996.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2000 li jemendaw ir-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mar-Regoli ta' l-1996 dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali".

(2) Dawn ir-regoli għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2001.

Temenda r-regola 3 tar-regoli prinċipali.

2. Ir-regola 3 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fis-subregola 3.1 tagħha, minflok il-kliem "nota mid-Direttur li fiha jiġi dikjarat li t-talba tkun inġiebet quddiem id-Direttur" għandhom jidħlu l-kliem "nota mid-Direttur għall-Affarijiet tal-Konsumatur jew minn għaqda ta' konsumaturi reġistrata, skond il-każ, li fiha jiġi dikjarat li t-talba tkun inġiebet quddiem id-Direttur jew quddiem l-għaqda ta' konsumaturi reġistrata ";

(b) fis-subregola 3.4, minflok il-kliem "ħames mitt lira Maltija" kull fejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "elf u ħames mitt lira Maltija".

Temenda r-regola 5 tar-regoli prinċipali.

3. Fir-regola 5 tar-regoli prinċipali, fis-subregoli 5.1 u 5.3 tagħha, minflok il-kliem "ħames mitt lira Maltija" kull fejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "elf u ħames mitt lira Maltija".

Temenda r-regola 16 tar-regoli prinċipali.

4. Fis-subregola 16.7 tar-regola 16 tar-regoli prinċipali minflok il-kliem "dak il-każ ma għandux f'dik iċ-ċirkostanza jiġi riferit lid-Direttur skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 23" għandhom jidħlu l-kliem "dak il-każ ma għandux f'dik iċ-ċirkostanza jiġi riferit lid-Direttur jew lill-għaqda ta' konsumaturi reġistrata, skond il-każ, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 23 (4)".

Temenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regoli prinċipali.

5. (1) Minflok it-Tariffa A li hemm fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-regoli prinċipali għandha tidħol din li ġejja:

"TARIFFA A

Drittijiet li jitħallsu fir-Reġistru tat-Tribunal

1. Għall-preżentata ta' avviż tat-talba jew ta' risposta li jkun fiha kontro-talba:

1.1 meta l-ammont mitlub ma jkunx jeċċedi Lm250	Lm3.00,0
1.2 meta l-ammont mitlub ma jkunx jeċċedi Lm500	Lm5.00.0
1.3 meta l-ammont mitlub ma jkunx jeċċedi Lm1,000	Lm8.00,0
1.4 meta l-ammont mitlub ikun jeċċedi Lm1,000	Lm10.00,0
2. Għall-preżentata ta' risposta kemm-il darba din ma jkunx fiha kontro-talba	Lm3.00,0
3. Għall-preżentata ta' kull rikors jew att ieħor inkluża l-preżentata ta' rapport ta' perit tekniku	Lm0.75,0
4. Għal kull notifika	Lm1.00,0
5. Għal kull kopja, għal kull paġna ta' l-oriġinal	Lm0.25,0
6. Għal kull deċiżjoni finali tat-Tribunal —	
6.1 Għar-rigward ta' l-ewwel Lm 500	Lm4.00,0

6.2 Għar-rigward ta' kull valur li jeċċedi Lm500 Lm8.00,0".

(2) Minnufih wara t-Tariffa B ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regoli prinċipali, għandha tiżdied din it-tariffa ġdida li ġejja:—

"TARIFFA Ċ

Drittijiet li jitħallsu fir-Reġistru tal-Qorti ta' l-Appell

1. Għall-preżentata ta' rikors ta' appell Lm15.00,0".

Temenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regoli prinċipali.

6. Fil-Formola 1 li hemm fit-Tieni Skeda li tinsab mar-regoli prinċipali, minflok il-kliem "Lm500" kull fejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "Lm 1,500".